# Is-Simblija

*Tagħrif miġbur minn Joe Casingena*



Fir-raħal pittoresk ta' Ħad-Dingli, lejn l-inħawi tal-Qattara u Wied Ħeżrun, jinsab il-qasam sabiħ u storiku tas-Simblija. X'kien dan il-post? Għaliex huwa mportanti fl-istorja ta' Ħad-Dingli, kif ukoll ta' Malta? Minfejn ġie dan l-isem tas-Simblija?



F'dan il-qasam insibu kappella, ġnien, għejun ta' l-ilma, kmamar imħaffra fil-blat, kċina, mitħna, forn, u firxa ta' għerien naturali u oħrajn imħaffra, misjuba minn żewġ studjużi Maltin fost oħrajn, li għenu fl-iskavi: is-Sur Joe Magro Conti u s-Sur Paul Saliba. Minn fost dokumenti antiki sirna nafu li dan il-post kien proprjetà tal-magħruf patrijott Malti Ġużeppi, jew kif inhu magħruf, Mattew Callus, li kien ikkundannat għall-mewt mill-Ordni ta' San Ġwann fi żmien qabel l-Assedju l-Kbir; taħt it-tmexxija tal-Gran Mastru La Valette (1557 - 1568). Jgħidulu s-Simblija għax il-proprjetà ta' Callus kienet ittieħdet mill-Assemblea tal-Kappillani ta' l-Ordni, u hekk baqa' jissejjaħ "is-Simblija".




Aktar tagħrif fuq dan il-post sabiħ u importanti fl-istorja ta' Ħad-Dingli u ta' Malta nsibuh fil-ktieb ta' Paul Dalli li jismu The Medieval Millennium. Inħeġġu lir-residenti ta' Ħad-Dingli biex iżuru 'l dan il-post u jidħlu fil-website tal-Fondazzjoni Wirt Artna (www.wirtartna.org). Hawnhekk wieħed isib dettalji ta' meta dan il-post ikun miftuħ għall-pubbliku.

